**Minuti tal-Laqgħa nru 42 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 27 ta' Mejju 2010 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.22 | 10.00 |
| Vi`i Sindku Josette Agius Decelis | 7.25 | 10.00 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.00 | 10.00 |
| Kunsillier Mario Sammut | marid | |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.00 | 10.00 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.00 | 10.00 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.22 | 10.00 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.37 | 10.00 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.26 | 10.00 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | skuzat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.00 | 10.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex f'din il-laqgħa ssiru biss l-items:

Approvazzjoni tal-Minuti
Tagħri tal-Minuti
Korrispondenza

filwaqt li l-item dwar Materji Finanzjarji jitħalla għall-laqgħa oħra. Is-Sur Paul Agius issekonda u kien hemm qbil unanimu.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 39,40 u 41**

1.01 Is-Sindku ippreżenta 3 listi ta' korrezzjonijiet għall dawn it-tliet laqgħat. Dawn il-listi nqraw mis-Sindku u s-Segretarju intalab ma joqgħodx jiktbuhom iżda jirreferi għall-listi kif ippreżentati. Dawn ġew aċċettati kif annessi ma dawn il-minuti.

1.02 Is-Sur Pawlu Agius ippreżenta korrezzjoni għal-laqgħa Nru 39 u talab li paragrafu Nru 1.03 jiżdied hekk:

"Il-Kunsillier Paul Agius irrimarka li dak il-ħin kien hemm it-tberik tal-uffiċini tal-Kunsill fejn bħal ma jsir kull sena, s-Sindku u l-Kunsilliera jilqaw lill-aċripriet u jkun hemm bibita żgħira. F'sitwazzjoni bħal din ma nafx għalfejn is-Segretarju mexa b'daqshekk riġidita! Dan apparti il-fatt li l-Kunsilliera ma kienux jafu li dak inhar kellu jkun hemm it-tberik". Ġiet approvata din il-korrezzjoni.

1.03 Huwa talab u ġiet approvata ukoll korrezzjoni biex id-data tal-laqgħa No 39 titranġa għat-Tlieta 20 ta' April u mhux il-Ħamis kif imniżżla.

1.04 Is-Sur Joe Demartino talab u ġie approvat li ssir korrezzjoni għall-minuti tal-laqgħa No 39 paragrafu 6.01 fejn tiżdied is-sentenza: "Is-Sur Demartino ġibed l-attenzjoni li fil-lista tal-attendenza kif ippreżentata kien hemm żball għaliex filwaqt li t-total tal-assenti

huwa kien jgħid li huwa kien assenti darba meta, fil-fatt dan ma kienx jirriżulta mill-attendenza kif immarkata fl-istess lista.

1.05 Is-Sur Demartino talab ukoll u ġie approvat li fil-minuti tal-laqgħa nru 39 f'paragrafu No 3.02 jiżdied il-kliem "Il-Kunsillier Demartino qal li ma jarax għaliex l-impjegati ma għandhomx jingħataw il-bonus, iktar u iktar meta dawn qed jaħdmu aktar minħabba nuqqas ta' staff".

1.06 Is-Sur Demartino talab ukoll u ġie approvat li fil-laqgħa No 41 jitniżżel li "is-Sur Demartino telaq fit-8.30 p.m. għax ħassu ma jiflaħx."

## 2.0 Korrispondenza

2.01 Ġiet preżentata lista ta' 42 ittra/email liema lista tqassmet ukoll lill-Kunsilliera kollha. Inqraw l-ittri/emails kollha waħda waħda u ġiet immarkata l-azzjoni li għandha tittieħed fuq kull korrispondenza skond il-lista annessa ma dawn il-minuti.

## 3.0 Ħwejjeġ Oħra

3.01 Tressqet talba tal-Bidnija Shooting Club fejn dawn talbu li issir it-triq, jitranġa ħajt tas-sejjieħ, u jsir it-tindif meħtieġ fit-triq li twassal għall dan il-club peress li huma kellhom xi mistiedna barranin. Is-Sindku qal li biex tagħmel dan hemm bżonn ħafna flus kif ukoll għodod għaliex huwa qal li dan ix-xogħol kieku jista jsir mill-handyman tal-Kunsill. Huwa inkariga lill-Kunsillier Pawlu Agius sabiex jieħu ħsieb jara x'jista jsir f'dan ir-rigward.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.00 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv